

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11847/26

MI 774
COMPET 950
IND 484
POLARM 1
CFSP/PESC 1161
COARM 128
RELEX 1007
DELECT 113

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4573 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.7.2026 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tat-23 ta' Frar 2026

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 4573 final.

Mehmuż: C(2026) 4573 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2026
C(2026) 4573 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.7.2026

**li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-
aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari
Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tat-23 ta' Frar 2026**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termeni u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità¹ tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jemendaw il-lista ta' prodotti relatati mad-difiża stipulati fl-Anness. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/43/KE, l-Anness irid jikkorrispondi strettament għal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Il-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ġiet aġġornata l-aħħar mill-Kunsill fit-23 ta' Frar 2026². Sa issa, l-Anness għadu ma ġiex allinjat mal-aħħar emenda tal-Lista Militari Komuni. Jeħtieġ li dan isir permezz tal-adozzjoni ta' att delegat.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont l-Artikolu 13a(4) tad-Direttiva 2009/43/KE, qabel ma tadotta att delegat li jemenda l-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Saru konsultazzjonijiet mal-Membri tal-grupp ta' esperti dwar it-Trasferimenti tal-UE ta' Prodotti relatati mad-Difiża.

Id-Direttiva ma tippredix mekkaniżmu ta' feedback abbażi tar-regoli għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet minħabba n-natura purament teknika tal-allinjament tal-Anness mal-Lista Militari Komuni, li fiha l-Kummissjoni ma tista' teżerċita l-ebda diskrezzjoni.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva 2009/43/KE ġiet emendata mir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea³. L-eżerċizzju tad-delega ġie stabbilit fl-Artikolu 13a l-ġdid tad-Direttiva 2009/43/KE.

L-Artikolu 1 tad-Direttiva Delegata jipprevedi li l-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE huwa sostitwit bl-Anness tad-Direttiva Delegata, li l-kontenut tiegħu huwa identiku għal-Lista Militari Komuni kif aġġornata l-aħħar mill-Kunsill.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-iskadenzi sa meta l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw, jippubblikaw u japplikaw il-miżuri meħtieġa ta' traspożizzjoni u jobbligahom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' daww id-dispożizzjonijiet kif ukoll it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert mid-Direttiva Delegata.

¹ ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

² ĠU C, C/2026/1640, 13.3.2026, p. 1.

³ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.7.2026

li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tat-23 ta' Frar 2026

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/43/KE tapplika għall-prodotti relatati mad-difiża kif stabbiliti fl-Anness tagħha. Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/43/KE, dak l-Anness irid jikkorrispondi strettament mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ġiet adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Marzu 2007 u ġiet aġġornata diversi drabi. Fit-23 ta' Frar 2026, il-Kunsill adotta Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea² aġġornata. Għalhekk jeħtieġ li tiġi aġġornata l-lista ta' prodotti relatati mad-difiża stabbilita fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE.
- (3) Għaldaqstant id-Direttiva 2009/43/KE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (4) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁽³⁾, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

¹ ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj>

² ĠU C, C/2026/1640, 13.3.2026, p.1. <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1640/oj>

³ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [OP: jekk jogħġbokkom daħħlu d-data tal-aħħar ġurnata tat-tielet xahar wara l-pubblikazzjoni fil-ĠU], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għal konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva msemmi fl-Artikolu 1. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [OP: jekk jogħġbokkom daħħlu d-data = 5 ġranet tax-xogħol wara d-data prevista fl-ewwel subparagrafu].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 10.7.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN